# DIZZJUNARJU
# TAS-SINÔNMI MALTIN

(*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel*)

Biex nagħilqu din it-taħdita ċkejkna fuq kif għandu u jista' jsir Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin, se' nġibu l-lum ftit mirja ta' aġġettivi bħal ma ġibna mirja ta' xi verbi u ta' xi nomi fil-ħarġiet ta' qabel.

Nieħdu dawn l-erba':

Imqareb, qalil, aħrax, kiefer;

Dawn l-aġġettivi kollha jfissru, min ftit iżjed u min ftit anqas, il-maqlub ta' *ġwejjed*, jew *kwiet*.

*Imqareb* ngħidu lil wieħed li ma jafx jew ma jistax joqgħod ġwejjed; u l-kelma turi fih bħala saħħa żejda li minn-awl-id-dinja tinfexx f'ġiri, f'taħbit, fi qbiż, fi tbahrid tal-ġisem; u aktarx tinsab fit-tfal li għad ma jafux bil-għaqal irażżnu lilhom infushom. Min hu mqareb hu hekk minnu-n-nifsu u m'hux għax irid, anqas bil-ħsieb u bil-fehma li jdejjaq, jew jagħmel ħsara lil ħaddieħor.

*Qalil* ifisser iżjed minn *imqareb*: it-fifel imqareb isir *qalil* meta xi ħadd jieħdu bid-dnewwa u jkun irid irażżan fih dak li hu bżonn tat-tfulija qawwija tiegħu. Fil-*qalil* għalhekk tidħol xi ftit il-fehma li jkun *imqareb*, tidħol *ir-rieda* li jilqa' b'saħtu l-ħakma ta' ħaddieħor, għaliex jaħseb li dik il-ħakma tnaqqaslu d-drittijiet tiegħu, teħodlu xi ħaġa li għandu l-jedd għaliha.

*Aħrax* ifisser aktar minn *qalil* u għalhekk aktar u aktar minn *imqareb*; għaliex l-aħrax *jagħmel il-ħsara*, li tista' tkun ukoll ħsara kbira Tifel *imqareb* ma għandux sabar u kwiet f'ġismu *minn-awl-id-dinja*; il-*qalil* jitħabat u jagħmel saħtu kollha, jekk xi ħadd ikun irid iwarrbu minn dak li hu jħobb, iżda joqgħod meta tħallih għal xejrtu; *l-aħrax* ma jċedix, jagħmel saħtu, u meta titilqu *jagħmel il-ħsara*. Tifel *aħrax* sa kemm iżżommu jagħmel saħtu biex jeħles, meta titilqu jitfagħlek il-ġebel u *jixtieq iwaġġgħek*. Barri aħrax jagħmel għalik u, jekk jista', jinfdek bi qrunu. Liġi *ħarxa* hi dik li tisboq it-truf tal-ħaqq u trid aktar tgħakkes inkella ssewwi.

*Kiefer*: mal-*ħruxija* l-*kiefer* iżid il-*pjaċir* fil-ħruxija. Neruni kien *aħrax* u *kiefer*. Kien *aħrax*, għax għamel liġijiet barra minn kull tarf tal-ħaqq, kien *kiefer* għaliex kien iġarrab bħal għaxqa fit-tbatijiet u fl-uġigħ tal-ikkundannati. Ngħidu li marda hi *kiefra*, meta tkun imsieħba ma' wġigħ qawwi li ma ttaffih b'xejn, la b'taba, la bi dlik anqas b'ħaġa oħra, u għalhekk fl-uġigħ tagħha tistħajjilha bħala qawwa barranija, ta' għan ħażin, li taf kif tgħakksek u taħqrek, u li donnha tieħu gost tifnik.

Nieħdu issa tlieta oħra.

Fieragħ—battal—ħaffief.

Bejn wieħed u ieħor dawn it-tliet aġġettivi jfissru kollha *il-maqlub ta' mimli*, u juru ħaġa nieqsa minn dak li jmissu, jew li jista', jinsab fiha: iżda, bħal dawn ta' qabel, kollha għandhom xi divrenzja fit-tifsir tagħhom.

*Fieragħ* ifisser *nieqes minn ħaġa essenzjali*, jew li *għandha tinsab*, jew għallinqas *li jixraq* li tinsab f'dak li hu fieragħ. *Baħar fieragħ*, ifisser nieqes mill-ilma li hu essenzjali għal baħar, jiġifieri li mingħajru ma jibqax baħar: *raġel fieragħ* jiġifieri nieqes mill-għaqal u mid-dehen li għandu jinsab fih u li mingħajru r-raġel jitlef ħafna minn irġulitu.

*Battal* ifisser nieqes minn ħaġa li *jixraq* jew *jaqbel* li tkun hemm, iżda li ma hix necessarja, u għalhekk in-nuqqas tagħha ma jagħmilx ħsara lil min hu *battal*. *Jum battal* ifisser jum li fih ma *jsirx xogħol*, *raġel battal* li ma hux imqabbad jaħdem jew li minn rajh ma jmurx għax-xogħol; dar *battala*, jiġifieri dar m'hix mikrija, dar ma hix imgħammra, dar li ma joqogħdux nies fiha.

Dawn il-mirja juru li dak li jonqos ma hux essenzjali, ma hux necessarju, għaliex *raġel battal* jibqa' raġel sħiħ u

ma jitlef xejn minn irġulitu : *dar battala* għalkemm jaqbel li tkun imgħammra, ma titlef xejn minn suritha, u hekk *jum battal*. Il-Ħadd hu dejjem għalina *jum battal* u m'hux biss ma jitlef xejn, imma hu l-isbaħ u l-ewwel jum tal-gimgħa.

Ħaffief ifisser *ħafif għax battal* jew għax *fieragħ*; għalhekk l-ewwel ħjiel li jiġi f'rasna mat-tlissin ta' din il-kelma hi *il-ħeffa* u m'hux *il-btala* jew il-*frugħa* tal-ħaġa. Ġellewża *ħaffiefa*, tfisser ġellewża *battala*, *fiergħa* ; iżda għaliex nagħarfu li hi hekk għax inħossuha *ħafifa*. Għalhekk qatt ma ngħidu *ħaffiefa* ħaġa li ma nistgħux inġarrbu malajr it-toqol jew l-użin tagħha. Ma ngħidu qatt *dar ħaffiefa* iżda ngħidu sewwa *ġellewża* jew *ġewża ħaffiefa*, u *ġebla* ħaffiefa, meta nifhmu dik li ssir mir-ragħwa tal-lava li toħroġ mill-vulkani u li taqdina biex inneħħu xi qamla u xi żelluma mill-insiġ, jew xi aħrax fit-tiżliġ tar-rħam jew f'xogħlijiet oħra.

Dun Karm